**L-ironija**

Kif inhi l-ħajja hux? Min jgħajjat l-aktar
Hu dak li se jiġi mismugħ w magħdur,
Apprezzat u mgħolli fil-ġieħ ma' kulħadd
Fejn hu li qed jerfa' is-salib? Idur?

Idur biex bis-skiet tiegħu jressaq l-erwieħ
Lejn it-tron tal-grazzja li hemm fis-smewwiet,
Dak it-tron li qajla hawn noħolmu bih
Moħħna fil-fanfarunati mhux barkiet.

Imma dak Alla li hu l-veru Sultan
Miegħu tal-ewwel għad jispiċċaw l-aħħar,
U tal-aħħar, dawk li ma jaf bihom ħadd
Iġibhom quddiem nett, bihom ibaħħar.

Fl-imwieġ u fl-irjieħ tant kbar li qed jaħkmu
Lil did-dinja hekk miskina w magħdura,
Li aktar ma taħseb li qed tmur 'l quddiem
Mhux għajr li qed taqta' f'li taqta' lura.

Minn taħt is-salib tal-imgħaffġa toħroġ toħroġ
It-tama ħelwa li ma tintemm qatt w qatt,
Għax hi din it-tama li tisboq sewwa
Kull tbatija li tkarwad daqs ir-ragħad.

Minkejja kollox jibqa' Alla waħdu
L-istorja tagħna qiegħdha imrassa f'idejh,
Mhux hu li dejjem qiegħed iħarsina
Mhux hu li qed jieħu ħsiebna b'dawl għajnejh?

Ħajr jistħoqqlok Mulejja minn qiegħ qalbi
Li int tippermetti dil-geġwiġija,
Għax minnha ħaġa qed nitgħallem:
X'għeġubijiet tagħmel int fl-ironija.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.